

II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-8 ta' Novembru 2007

dwar l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija mal-Konvenzjoni, imfassla abbażi ta' l-Artikolu K.3(2)(ċ) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew uffiċjali ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea

(2007/751/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

dwar l-adeżjoni fil-Konvenzjoni kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali.

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

(3) L-Artikolu 3 (3) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni jipprovdi li l-Bulgarija u r-Rumanija għandhom jaċċedu għall-konvenzjoni u l-protokoll konklużi mill-Istati Membri, elenkati fl-Anness I ma' l-Att ta' l-Adeżjoni, li jiġbor, inter alia, il-Konvenzjoni kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali. Dawn għandhom jidħlu fis-seħħ fir-rigward tal-Bulgarija u tar-Rumanija fid-data determinata mill-Kunsill.

Wara li kkunsidra t-Trattat ta' Adeżjoni ta' l-2005,

Wara li kkunsidra l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2005 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Att ta' l-Adeżjoni") u partikolarment l-Artikolu 3(4) tiegħu,

(4) Konformement ma' l-Artikolu 3(4) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni, il-Kunsill għandu jagħmel l-aġġustamenti kollha meħtieġa, minħabba l-adeżjoni, f'dawk il-konvenzjoni u protokoll,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Billi:

Artikolu 1

(1) Il-Konvenzjoni, imfassla abbażi ta' l-Artikolu K.3(2)(ċ) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew uffiċjali ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea ⁽²⁾ (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Konvenzjoni kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali") għet iffirmata fis-26 ta' Mejju 1997 u daħlet fis-seħħ fit-28 ta' Settembru 2005.

Il-Konvenzjoni kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali għandha tidħol fis-seħħ għall-Bulgarija u r-Rumanija fl-ewwel jum ta' l-ewwel xahar minn wara d-data ta' l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

(2) Wara l-adeżjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea, L-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja ddepożitaw l-istrumenti tagħhom

It-test tal-Konvenzjoni kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali, imfassal fil-lingwa Bulgara u fil-lingwa Rumena ⁽³⁾, għandu jkun awtentiku taħt l-istess kondizzjonijiet bħat-testi l-oħra tal-Konvenzjoni kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali.

⁽¹⁾ Opinjoni ta' l-10 ta' Lulju 2007 (għadha mhijiex publikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ ĠU C 195, 25.6.1997, p. 2.

⁽³⁾ Il-verżjoni Bulgara u Rumena tal-Konvenzjoni għandhom ikunu ppubblikati fl-edizzjoni speċjali tal-ĠU f'data aktard tard.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tibda jkollha effett mill-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 8 ta' Novembru 2007.

Għall-Kunsill

Il-President

R. PEREIRA
